

32000L0034

L 195/41

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.8.2000

**ID-DIRETTIVA 2000/34/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Ġunju 2000**

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol biex jtkoprew is-setturi u attivitajiet esklużi minn dik id-Direttiva

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta-Trattat ⁽³⁾, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni fit-3 ta' April 2000,

Billi:

- (1) L-Artikolu 137 ta-Trattat jipprovdi li l-Komunità għandha tappoġġja u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri bl-iskop li jittejjeb l-ambjent tax-xogħol għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Id-direttivi addottati fuq il-bażi ta' dak l-Artikolu għandhom jevitaw li jimponu rbit amministrattiv, finanzjarju u legali b'mod li kien iżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' kobor medju.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ⁽⁴⁾ tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi tas-saħħa u s-sigurtà għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, fir-rigward tal-perijodi ta' kuljum ta' mistrieħ, rikreazzjonijiet, mistrieħ fil-ġimgħa, ħin tax-xogħol massimu fil-ġimgħa, il-leave annwali u l-aspetti tax-xogħol ta' bil-lejl, ix-xogħol bis-shift u l-mudelli tax-xogħol. Dik id-Direttiva għandha tkun emendata għar-raġunijiet li ġejjin.
- (3) It-trasport bit-triq, bl-ajru, bil-baħar u bil-ferrovija, kanali interni, is-sajd fuq il-baħar, xogħol ieħor fuq il-baħar u l-attivitajiet tat-tobba fit-taħriġ huma esklużi mill-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE.
- (4) Il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha ta' l-20 ta' Settembru 1990, ma eskluċiet ebda setturi u attivitajiet mid-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, u lanqas ma l-Parlament Ewropew fl-Opinjoni tiegħu ta' l-20 ta' Frar 1991 aċċetta dawn l-esklużjonijiet.

- (5) Is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom ikunu protetti fuq il-post tax-xogħol mhux għax jaħdmu f'xi settur partikolari jew iwettqu attività partikolari, imma għax huma ħaddiema.
- (6) Għar-rigward ta' leġislazzjoni settorjali għal ħaddiema li jiċċaqilqu, approċċ kumplimentari u parallel huwa meħtieġ fid-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tat-trasport u s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati.
- (7) Hemm il-bżonn li jittieħed kont tan-natura speċifika ta' l-attivitajiet fuq il-baħar u tat-tobba fit-taħriġ.
- (8) Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jiċċaqilqu fis-setturi u l-attivitajiet esklużi għandha wkoll tkun garantita.
- (9) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li jikkonċernaw l-leave annwali u l-istimi tas-saħħa għax-xogħol ta' bil-lejl u x-xogħol bix-shift għandhom jiġu estenzi biex jinkludu l-ħaddiema li jiċċaqilqu fis-setturi u l-attivitajiet esklużi.
- (10) Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-ħin tax-xogħol u tal-mistrieħ jeħtieġu li jkunu addattati għal ħaddiema li jiċċaqilqu fis-setturi u l-attivitajiet esklużi.
- (11) Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom perijodi adegwati ta' mistrieħ. Il-kunċett ta' "mistrieħ" għandu jkun espress f'unitajiet ta' ħin, jiġifieri f'jiem, sigħat u/jew frazzjonijiet tiegħu.
- (12) Ftehim Ewropew għar-rigward tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara daħal fis-seħħ permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ⁽⁵⁾, fuq proposta mill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 139(2) ta-Trattat. B'hekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għall-baħħara.
- (13) Fil-każ ta' dawk "is-sajjeda bis-sehem" li huma impjegati, huwa għall-Istati Membri biex jiddeterminaw, skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, il-kundizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave annwali, inklużi l-arranġamenti għall-pagamenti.
- (14) Standards speċifiċi stabbiliti fi strumenti Komunitarji oħrajn relatati, per eżempju, għal perijodi ta' mistrieħ, ħin tax-xogħol, leave annwali u xogħol ta' bil-lejl għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE kif emendata minn din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU C 43, tas-17.2.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 138, tat-18.5.1999, p. 33.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' April 1999 (ĠU C 219, tat-30.7.1999, p. 231), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 (ĠU C 249, ta' l-1.9.1999, p. 17) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 1999 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2000 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2000.

⁽⁴⁾ ĠU L 307, tat-13.12.1993, p. 18.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 li tikkonċerna l-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (AKESB) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport fl-Unjoni Ewropea (FUHT) (ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 33).

- (15) Fid-dawl tal-każ tal-liġi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej id-dispożizzjoni li tirrigwarda l-mistrieħ tal-Ħadd għandha titħassar.
- (16) Fil-każ ta' ġudizzju taġġha Ċ-84/04 ir-Renju Unit v. Il-Kunsill ⁽¹⁾ il-Qorti tal-Ġustizzja rregolat li d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE takkorda mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li l-ġudizzju mhuwiex applikabbli għal regoli komparabbli li jikkonċernaw numru ta' aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol f'setturi u attivitajiet esklużi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 93/104/KE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1(3) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha ta' l-attività, kemm pubblika kif ukoll privata, fis-sens ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14 u 17 ta' din id-Direttiva.

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal baħħara, kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 li tikkonċerna l-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara, konkluzja mill-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (AKESB) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport fl-Unjoni Ewropea (FUHT) (*) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(8) ta' din id-Direttiva.

(*) ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 33."

2. fl-Artikolu 2, għandu jiżdied dan li ġej:

"7. 'ħaddiema li jiċċaqilqu' għandhom ifissru kull ħaddiem impjegat bħala membru ta' persunal ta' l-ivjaġġar jew tat-titjir minn impriża li topera servizzi tat-trasport għal passiġġieri jew merkanzija bit-triq, l-ajru jew kanali interni.

8. 'xogħol 'il barra mix-xtut' għandu jfisser xogħol imwettaq prinċipalment fuq jew lil hinn mill-installazzjonijiet barra mix-xtut (inklużi pjattaformi għat-tħaffir), b'konnessjoni diretta jew indiretta ma' l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni jew l-isfruttament ta' riżorsi minerali, inklużi idrokarburi, u li jgħoddsu in konnessjoni ma' dawn l-attivitajiet, kemm jekk imwettaq minn installazzjoni jew bastiment 'il barra mix-xtut.

9. 'mistrieħ adegwat' għandu jfisser li l-ħaddiema ikollhom perijodi regolari ta' mistrieħ, li t-tul taġġhom hu espress f'unitajiet ta' ħin u li huma twal u kontinwi biżżejjed biex jassiguraw li, bħala riżultat ta' l-għejja jew ta' mudelli irregolari oħrajn ta' mistrieħ, ma jikkawżawx inġurja lilhom, lill-ħaddiema kolleġi jew lil oħrajn u li ma jipperikolawx is-saħħa taġġhom, kemm f'perijodu qasir jew f'perijodu itwal."

(1) ECR (1996) I- 5755.

3. Fl-Artikolu 5, is-subparagrafu li ġej għandu jitħassar:

"Il-perijodu minimu tal-mistrieħ imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu fil-prinċipju jinkludi l-Ħadd."

4. L-Artikolu 14 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 14

Dispożizzjonijiet Komunitarji aktar speċifiċi

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika meta strumenti Komunitarji oħrajn jikkontjenu ħtiġiet iktar speċifiċi għar-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għal ċerti xogħlijiet jew attivitajiet tax-xogħol."

5. L-Artikolu 17(2.1) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"2.1. mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16:

- (a) fil-każ ta' l-attivitajiet meta l-post tax-xogħol tal-ħaddiem u l-post tar-residenza tiegħu huma 'l bogħod minn xulxin, inkluż xogħol barra mix-xtut, jew meta l-postijiet differenti tax-xogħol tal-ħaddiem huma 'l bogħod minn xulxin;
- (b) fil-każ ta' l-attivitajiet tas-sigurtà u tas-sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex jiġu protetti l-proprjetà u l-persuni, b'mod partikolari għassiesa ta' sigurtà u *caretakers* jew impriżi tas-sigurtà;
- (c) fil-każ ta' l-attivitajiet li jinvolvu il-bżonn għal kontinwità tas-servizz jew tal-produzzjoni, partikolarment:
- (i) servizzi relatati ma' l-ilqugħ, it-trattament u/jew il-kura pprovduta minn sptarjiet jew stabbilimenti simili, inklużi l-attivitajiet ta' tobbja fit-taħriġ, instituzzjonijiet residenzjali u ħabsijiet;
- (ii) ħaddiema tal-portijiet jew ta' l-ajruporti;
- (iii) l-istampa, r-radju, t-televiżjoni, l-produzzjoni ċinematografika, is-servizzi postali u tat-telekommunikazzjoni, l-ambulanzi, servizzi tat-tifi tan-nar u l-protezzjoni ċivili;
- (iv) il-produzzjoni tal-gass, ta' l-ilma u ta' l-elettriku, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni, il-ġbir ta' l-iskart domestiku u l-impjanti ta' l-inkinerazzjoni;
- (v) industrija fejn ix-xogħol ma jistax jiġi interrott fuq bażijiet tekniċi;
- (vi) attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp;
- (vii) l-agrikoltura;
- (viii) ħaddiema konċernati bit-trasport ta' passiġġieri fuq servizzi urbani regolari tat-trasport;
- (d) meta hemm żjieda prevista ta' servizzi, b'mod partikolari:-
- (i) fl-agrikoltura;
- (ii) fit-turiżmu;
- (iii) fis-servizzi postali;

- (e) fil-każ tal-persuni li jaħdmu fit-trasport bil-ferrovija:
- (i) li l-attivitajiet tagħhom huma intermittenti;
 - (ii) li jgħaddu l-ħin tax-xogħol tagħhom abbord ferroviji; jew
 - (iii) li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta ma' l-orarji tat-trasport u biex jassiguraw il-kontinwità u regolarità tat-traffiku.”.

għall-perijodu transitorju. Fil-limiti stabbiliti fil-punt (iii), dan il-ftehim jista' jkopri:

- n-numru medju ta' sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa waqt il-perijodu trasitorju; u
- il-miżuri li għandhom ikunu adottati biex jitnaqqsu s-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa għal medja ta' 48 sa l-aħħar tal-perijodu transitorju;

6. Fl-Artikolu 17(2) dan li ġej għandu jiġi miżjud:

“2.4. mill-Artikoli 6 u 16(2) fil-każ tat-tobba fit-taħriġ:

- (a) għar-rigward ta' l-Artikolu 6, għal perijodu transitorju ta' ħames snin mill-1 ta' Awwissu 2004.
- (i) L-Istati Membri jistgħu jkollhom sa sentejn oħra, jekk neċessarju, biex jieħdu kont tad-diffikultajiet f'li jiltaqgħu mad-dispożizzjonijiet tal-ħin tax-xogħol għar-rigward tar-responsabilitajiet tagħhom għall-organizzazzjoni u l-kunsinna ta' servizzi tas-saħħa u l-kura medika. Mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni billi jagħti r-raġunijiet tiegħu, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħti l-opinjoni tagħha, wara l-konsultazzjonijiet approprijati, fi żmien tliet xhur wara li tirċievi din l-informazzjoni. Jekk l-Istat Membru ma jsegwix l-opinjoni tal-Kummissjoni, għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu. In-notifika u l-ġustifikazzjoni ta' l-Istat Membru u l-opinjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u mgħoddija lill-Parlament Ewropew.
 - (ii) L-Istati Membri jista' jkollhom perijodu addizzjonali sa sena, jekk neċessarju, biex jieħdu kont tad-diffikultajiet speċjali f'li jissodisfaw ir-responsabilitajiet msemmija fuq. Dawn għandhom isegwu il-proċedura stabbilita fil-paragrafu (i).

Fil-kuntest tal-perijodu transitorju:

- (iii) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li f'ebda każ m'għandu n-numru tas-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa jaqbeż il-medja ta' 58 tul l-ewwel tliet snin tal-perijodu transitorju, medja ta' 56 għas-sentejn ta' wara u medja ta' 52 għal kull perijodu li jibqa'.
- (iv) Min iħaddem għandu jikkonsulta lir-rappreżentanti ta' l-impjegati fil-ħin addattat bl-iskop li jintlaħaq ftehim, kull meta possibbli, dwar l-arranġamenti li japplikaw

- (b) għar-rigward ta' l-Artikolu 16(2), sakemm il-perijodu tar-referenza ma jaqbiżx it-12-il xahar, tul l-ewwel parti tal-perijodu transitorju speċifikat fil-paragrafu (a)(iii), u sitt xhur minn hemm 'l quddiem”;

7. L-Artikolu li ġej għandu jiġi inserit:

“L-Artikolu 17a

Ħaddiema li jiċċaqilqu u xogħol barra mix-xtut

1. L-Artikoli 3, 4, 5 u 8 m' għandhomx japplikaw għal ħaddiema li jiċċaqilqu.
2. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li dawn il-ħaddiema li jiċċaqilqu huma intitolati għal mistrieħ adegwat, ħliet fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 17(2.2).
3. Soġġetti għal konformità mal-prinċipji ġenerali relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, u sakemm ikun hemm konsultazzjoni tar-rappreżentanti ta' min iħaddem u l-impjegati kkonċernati u l-isforzi biex jinkoraġġixxu il-forom rilevanti kollha tad-djalogu soċjali, inklużi negozjati jekk il-partijiet hekk jixtiequ, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet obbjettivi jew tekniċi jew raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, jestendu l-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 16(2) għal tnaħ-il xahar fir-rigward ta' ħaddiema li prinċipalment iwettqu xogħol barra mix-xtut.
4. Fl-1 ta' Awwissu 2005 il-Kummissjoni għandha, wara li tik-konsulta lill-Istati Membri u l-amministrazzjoni u x-xogħol fil-livell Ewropew, tirrevedi l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward il-ħaddiema li jaħdmu barra x-xtut mill-perspettiva tas-saħħa u s-sigurtà bl-iskop li jiġu ppreżentati, jekk meħtieġa, il-modifiki approprijati.

L-Artikolu 17b

Ħaddiema fuq bastimenti tas-sajd fuq il-baħar

1. L-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 8 m' għandhomx japplikaw għal kull ħaddiem abbord bastimenti tas-sajd fuq il-baħar li jtella' l-bandiera ta' Stat Membru.
2. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li kull ħaddiem abbord bastiment tas-sajd fuq il-baħar li jtella' bandiera ta' Stat Membru huwa intitolat għal mistrieħ adegwat u li n-numru ta' sigħat ta' xogħol jiġu limitati għal 48 siegħa fil-ġimgħa fuq medja kkal-kulata tul perijodu ta' referenza li ma jaqbiżx 12-il xahar.

3. Fil-limiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 5 l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li, skond il-bżonn tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' dawn il-ħaddiema,

- (a) is-siġhat tax-xogħol huma limitati għal numru massimu ta' siġhat li m' għandux jinqabeż f'perijodu ta' żmien stabbilit, jew
- (b) numru minimu ta' siġhat ta' mistrieħ huma provduti f' perijodu ta' żmien stabbilit.

In-numru massimu tas-siġhat tax-xogħol jew in-numru minimu tas-siġhat ta' mistrieħ għandhom jiġu speċifikati mill-iġi, mir-regolamenti, mid-dispożizzjonijiet amministrattivi jew minn ftehim kollettiv jew ftehim bejn l-imsieħba soċjali.

4. Il-limiti fuq is-siġhat tax-xogħol jew tal-mistrieħ għandhom ikunu jew:

- (a) siġhat massimi ta' xogħol li m' għandhomx jaqbu:
 - (i) 14-il siegħa f'kull perijodu ta' 24 siegħa, u
 - (ii) 72 siegħa f'kull perijodu ta' sebat ijiem;
 jew
- (b) siġhat minimi ta' mistrieħ li m' għandhomx ikunu inqas minn:
 - (i) 10 siġhat f'kull perijodu ta' 24 siegħa, u
 - (ii) 77 siegħa f'kull perijodu ta' sebat ijiem.

5. Is-siġhat ta' mistrieħ jistgħu jinqasmu f'mhux aktar minn żewġ perijodi, li wieħed minnhom għandu jkun mill-inqas ta' sitt siġhat, u l-intervall bejn il-perijodi konsekuttivi ta' mistrieħ m'għandux jaqbeż 14-il siegħa.

6. Skond il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema, u għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jippermettu eċċezzjonijiet, inkluż l-istabbiliment ta' perijodi ta' referenza, għall-limiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 5. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jikkonformaw ma' l-istandards stabbiliti imma jistgħu jieħdu kont ta' perijodi ta' leave iktar frekwenti jew itwal jew li jingħata leave kompensatorju għall-ħaddiema. Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta'

- (i) liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi sakemm ikun hemm konsultazzjoni, meta possibbli, tar-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema kkonċernati u huma magħmula sforzi biex jinkoraġġixxu l-forom kollha rilevanti tad-djaloga soċjali, jew
- (ii) ftehim kollettiv jew ftehim bejn l-imsieħba soċjali.

7. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd fuq il-baħar għandu jkollu d-dritt li jehtiegħ ħaddiema abbord biex iwettqu dawk is-siġhat ta' xogħol neċessarji għas-sigurtà immedjata tal-bastiment, tal-persuni abbord jew ta' merkanzija, jew bl-iskop li jagħti assistenza lil bastimenti jew persuni oħrajn f'perikolu fuq il-baħar.

8. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li ħaddiema abbord bastiment tas-sajd fuq il-baħar li għalihom il-leġislazzjoni jew il-prattika nazzjonali jiddeterminaw li l-bastimenti ma jitħallewx joperaw f'perijodu speċifiku tas-sena kalendarja li jeċċedi xahar, għandhom jieħdu *leave* annwali skond l-Artikolu 7 fil-perijodu msemmi hawn fuq."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta'Awissu 2003, jew għandhom jassiguraw li, sa dik id-data fl-aktar tard, l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri neċessarji bi ftehim, bl-Istati Membri meħtieġa jieħdu kull miżura neċessarja li tippermettilhom f'kull ħin ikunu f'pożizzjoni biex jiggwarantixxu r-riżultati imposti minn din id-Direttiva. Għar-rigward tat-tobba fit-taħriġ dik id-data għandha tkun l-1 ta'Awissu 2004. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni biha.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw, fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu, dispożizzjonijiet differenti leġislattivi, regolatorji jew kuntrattwali fil-kamp tal-ħin tax-xogħol, sakemm ikun hemm konformità mal-ħtieġijiet minimi previsti f'din id-Direttiva, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m' għandhiex tikkostitwixxi bażi valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema.

4. L-Istati Membri għandhom jikkonunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali diġà adottata jew li qed tiġi adottata fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Sa mhux aktar tard mill-1 ta'Awissu 2009 il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-amministrazzjoni u x-xogħol fil-livell Ewopew, tirrevedi l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet għar-rigward ta' ħaddiema abbord bastimenti tas-sajd fuq il-baħar, u, b'mod partikolari teżamina jekk dawn id-dispożizzjonijiet jibqgħux approprijati, b'mod partikolari, sa fejn huma konċernati s-saħħa u s-sigurtà bl-iskop li jiġu proposti emendi addattati, jekk neċċessarju.

L-Artikolu 4

Sa mhux aktar tard mill-1 ta'Awissu 2005 il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u l-amministrazzjoni u x-xogħol fil-livell Ewopew, tirrevedi l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet għar-rigward ta' ħaddiema kkonċernati bit-trasport ta' passiġġieri fuq servizzi tat-trasport urban regolari, bl-iskop li jkunu preżentati, jekk meħtieġ, il-modifiki aprofprjati biex ikun assigurat approċċ koerenti u addattat fi-settur.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Ġunju 2000.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

J. SÓCRATES
